



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Mejju 2014  
(OR. en)**

**10366/14  
ADD 1**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2014/0157 (NLE)**

---

**EEE 46  
AGRI 394  
ENV 487**

**PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                              |
| data meta waslet: | 28 ta' Mejju 2014                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| lil:              | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2014) 303 final - Anness                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| Suġġett:          | ANNEX DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014 ta' li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2014) 303 final - Anness.

---

Mehmuż: COM(2014) 303 final - Anness



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2014  
COM(2014) 303 final

ANNEX 1

## **ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014**

**ta'**

**li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE**

**għall-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat  
Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE**

## ANNESS

### DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

ta'

li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi<sup>1</sup>, kif korretta fil-ĠU L 161, 29.6.2010, p. 11, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE,
- (2) Għalhekk, l-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif xieraq.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 1k (id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX għall-Ftehim ŻEE:

- "11. **32009 L 0128:** Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71), kif korretta fil-ĠU L 161, 29.6.2010, p. 11.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fir-rigward tan-Norveġja, il-kliem "26 ta' Novembru 2012" fl-Artikolu 4(2) jinbidel bil-kliem "1 ta' Jannar 2016".

#### *Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/128/KE, kif korretti fil-ĠU L 161, 29.6.2010, p. 11, fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

---

<sup>1</sup> ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...<sup>2</sup> [li tinkorpora r-Regolament (KE) Nru 1107/2009], skont liema data tkun l-iżjed tard.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*

*Is-Segretarji*  
*għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

<sup>2</sup> ĠU L ...

\* [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]